# L-Arċisqof Mauro Caruana

**Mario Coleiro**



L-Arċisqof Mauro Caruana rabat ismu mar-raħal ta' Santa Venera nhar l-4 ta' Settembru, 1918 meta kien ħareġ id-digriet li bih waqqaf il-parroċċa ta' Santa Venera Verġni u Martri bil-limiti indipendenti tagħha.

Aloysio Caruana twieled il-Floriana nhar is-16 ta' Novembru, 1867. Huwa beda l-istudji tiegħu fis-Seminarju t'Għawdex fejn kompla fil-Kulleġ ta' San Injazju f'San Ġiljan. Huwa ħalla Malta biex mar kompla l-istudji tiegħu ġewwa l-Iskozja fejn daħal fil-Fort Augustus Abbey. Hu ngħaqad mal-Ordi tal-Benedettini tal-Ingilterra. Nhar l-20 ta' Settembru 1884, fl-età ta' 17-il sena ħa l-isem ta' Mauro u fil-11 ta' Novembru tas-sena ta' wara pprofessa solennement biex kien ordnat saċerdot fis-sena 1891. Minn hemm hu mar fil-Kulleġġ ta' San Anselmu, ġewwa Ruma fejn kompla jeċċella fl-istudji tiegħu. Meta ġie lura l-Iskozja beda jgħallem il-Filosofija, Teoloġija u l-Letteratura Latina. Huwa serva darbtejn bħala kappillan ġo parroċċi differenti u kien imfittex ħafna għall-predikazzjoni, speċjalment bil-lingwa Taljana. Fil-1912 kien inħatar biex imexxi l-kor prestiġjuż tal-Kulleġġ fejn kien studja hu stess.

## Arċisqof ta' Malta

Meta fil-1915 f'Malta ġriet l-aħbar tal-mewt tal-Isqof Pietru Pace u Malta sfat sedevacanti, kien issejjaħ lura lejn Malta u nħatar Arċisqof ta' Malta. Il-konsagrazzjoni solenni tiegħu saret nhar l-10 ta' Frar, 1915 mill-Kardinal Raffael Merry del Val ġewwa l-Bażilika ta' Santa Maria in Trastevere, f'Ruma. Fl-istess ċerimonja huwa kien ingħata t-titlu ta' Kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann u għalhekk sar l-ewwel

Malti li qatt kien inħatar Kavallier ta' San Ġwann bit-titlu ta' Commendator.

Tlitt ijiem wara wasal Malta u nhar id-19 ta' April saret iċ-ċerimonja tad-Dħul Solenni tiegħu fil-Belt tal-Imdina fejn kien ħa l-pussess formali tal-Arċidjoċesi Maltija fil-Katidral ta' dik il-Belt.

Il-ħidma ta' Mons. Mauro Caruana bħala Arċisqof kienet waħda sfiqa u bla waqfien. Fl-1917 kien hu li inawgura l-Monument ta' Kristu Re ġol-Floriana. Fi zmien dan l-Arċisqof twaqqfu diversi parroċċi f'Malta u fost dawn insibu t-twaqqif tal-parroċċa tagħna ta' Santa Venera. Kien proprju nhar l-4 ta' Settembru, 1918 meta huwa ħareġ id-digriet li bih stabilixxa l-limiti indipendenti tal-parroċċa. Dawn il-limiti kien ħadhom mit-territorju ta' Birkirkara, Ħal Qormi, l-Imsida u l-Ħamrun. Permezz ta' dawn il-limiti li issa kienu taħt il-parroċċa ta' Santa Venera li kienet immexxija mill-Ordni tal-Patrijiet Karmelitani, kien ifforma darba għal dejjem ir-raħal ta' Santa Venera bit-territorju tiegħu. Għall-Ordni Karmelitan dan kien pass importanti ħafna għax dik ta' Santa Venera kienet l-ewwel parroċċa u għal ħafna żmien l-unika parroċċa li kienet fdata t-tmexxija tagħha lill-Ordni Karmelitan f'Malta.

## Ragħaj għaqli

Matul it-tmexxija tiegħu tal-Knisja f'Malta, huwa kellu jħabbat wiċċu wkoll mal-kustjoni politiko-reliġjuża li ħakmet lil Malta bejn il-1920 u l-1930. Kien f'dam iż-żmien li ta l-permess biex tibda tiġi stampata l-gazzetta *Leħen is-Sewwa*. Fl-1928 il-gżira ta' Rodi kienet reġgħet twaqqfet djoċesi indipendenti u għalhekk ma baqgħetx aktar magħquda ma' dik ta' Malta. Minkejja dan, l-Arċisqof Caruana tħalla jżomm it-titlu ta' Arcisqof.

Fi żmienu twaqqfet is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl u l-Missjoni tas-Sorijiet ta' Ġesù ta' Nazzaret. Huwa ħadem biex inbniet il-Knisja ta' San Girgor f'Tas-Sliema, u fl-1931 inkuruna solennement ix-xbieha tal-Madonna ta' Damasku fil-Belt Valletta.

Matul iż-żmien li għamel bħala ragħaj tal-Knisja f'Malta, huwa kellu diversi okkażjonijiet fejn iltaqa' ma' Renjanti u personaġġi illusti oħra, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Huwa kien Benedettin li sar Isqof ta' Malta sa mis-sena 151.

L-Arċisqof Mauro Caruana miet nhar is-17 ta' Diċembru, 1943 wara marda twila u kien midfun fil-knisja li tant kellu għal qalbu, jiġifieri l-Knisja ta' San Girgor il-Kbir ġewwa Tas-Sliema.

**Inħeġġukom tattendu għall-Quddies tal-Festa nhar il-Ħadd 30 ta' Lulju fid-9.00am**